21998D0507(09)

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru. 82/97

tat-12 ta' Novembru 1997

li tl-Anness VI (Sigurtà Soċjali) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed il quddiem msejjaħ 'il-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Anness VI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru. 2/97 ta' l-10 ta' Frar 1997 ([1]);

Billi l-adattamenti għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1408/71 ta' l-14 ta'Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni ta' skemi tas-sigurtà soċjali għal persuni impjegati, għal-persuni li jaħdmu għal rashom u għal membri tal-familja tagħhom li jispustaw ruħhom fil-Komunità ([2]), għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 574/72 tal-21 ta' Marzu 1972 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru. 1408/71 ([3]) u għal ċerti deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Amministrattiva tal-Komunitajiet Ewropej dwar is-Sigurtà Soċjali għall-Ħaddiema Immigranti magħmula f'Kapitolu IV A ta' l-Anness I ta' l-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hi stabbilita l-Unjoni Ewropea ([4]) għandhom jiġu inkorporati fil-Ftehim;

Billi, għall-għanijiet ta' ċarezza huwa neċessarju li l-Anness VI jiġi aġġornat fl-intier tiegħu; billi, għal dan l-għan, mhux biss dawk id-dispożizzjonijiet li huma emendati mill-ġurnata tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni imma anke dawk id-dispożizzjonijiet li diġà ġew emendati u d-dispożizzjonijiet li ma inbidlux għandhom jiġu inklużi f'test singolu;

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

It-test ta' l-Anness VI tal-Ftehim għandu jiġi mibdul bit-test mehmuż ma din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

It-testi ta' l-adattamenti tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru.1408/71 u Nru. 574/72 u tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Amministrattiva tal-Komunitajiet Ewropej dwar is-Sigurtà Soċjali għall-Ħaddiema Immigranti Nru. 117, Nru. 118, Nru. 135, Nru. 136 u Nru. 150 magħmulin b'Kapitolu IV, A ta' l-Anness I ta' l-Att dwar il-Kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hi stabbilita bil-lingwi Islandiża u Norveġiża, li huma mehmuża mal-verżjoni bil-lingwa rispettiva ta' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

([1]) ĠU L 85, tas-27.3.1997, p. 67.
([2]) ĠU L 149, tal-5.7.1971, p. 2.
([3]) ĠU L 74, tas-27.3.1972, p. 1.
([4]) ĠU C 241, tad-29.8.1994, p. 21 kif aġġustat bil-ĠU L 1, ta' l-1.1.1995, p. 1.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-13 ta' Novembru 1997, sakemm in-notifiki l-oħra kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fis-sezzjoni, u fis-Suppliment taż-ŻEE, fil-*Ġurnal Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Novembru 1997.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

E. BULL

L-ANNESS VI

SIGURTA' SOĊJALI

INTRODUZZJONI

Fejn l-atti li għalihom dan l-Anness jagħmel riferenza għandhom kunċetti jew jirreferu għal proċeduri li huma speċifiċi għall-ordni legali tal-Komunità, bħal

– preamboli;

– id-destinatarji ta' l-atti tal-Komunità;

– referenzi għat-territorji jew lingwi tal-KE;

– referenzi għal drittijiet u obbligazzjonijiet ta' l-Istati Membri tal-KE, l-entitajiet publiċi, impriżi jew individwi relatati ma' xulxin; u

– referenzi għal proċeduri ta' notifika u ta' informazzjoni;

Protokoll Nru. 1 dwar l-adattamenti orizzontali għandu jgħodd, sakemm ma jkunx provdut mod ieħor f'dan l-Anness.

ADATTAMENTI SETTORALI

I. Għall-għanijiet ta' dan l-Anness u minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokol Nru. 1, il-kelma "Stat(i) Membru(i)" fl-atti msemmija għandhom jinftiehmu li jinkludu, flimkien mat-tifsira tagħha fl-atti tal-KE relevanti, l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja.

II. Għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-atti msemmija f'dan l-Anness, għall-għanijiet tal-Ftehim preżenti, id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet mogħtija lill-Kummissjoni Amministrattiva tal-Komunitajiet Ewropej dwar is-Sigurtà Soċjali għall-Ħaddiema Immigranti li tifforma parti mill-Kummissjoni KE u d-drittijiet u d-dmirijiet mogħtija lill-Bord tal-Verifika li jifforma parti mill-Kummissjoni Amministrattiva msemmija għandhom jittieħdu, skond id-disposizzjoniet tal-Parti Nru.VII tal-Ftehim, mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

ATTI LI SARET REFERENZA LEJHOM

1. **371 R 1408**: Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1408/71 ta' l-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni ta' skemi ta'sigurtà soċjali għal persuni impjegati, għal persuni li jaħdmu għal raqshom u għal membri tal-familja tagħhom li jispustaw ruħhom fil-Komunità,

   kif aġġornat bil:

   – **383 R 2001**: Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2001/83 tat-2 ta' Ġunju 1983 (ĠU L 230, tat-22.8.1983, p. 6),

   u sussegwentement emendat bil:

   – **385 R 1660**: Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1660/85 tat-13 ta' Ġunju 1985 (ĠU L 160, ta' l-20.6.1985, p. 1),

   – **385 R 1661**: Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1661/85 tat-13ta' Ġunju 1985 (ĠU L 160, ta' l-20.6.1985, p. 7),

   – **1 85 I**: Att dwar l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustamenti lit-Trattati – adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża għall-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 302, tal-15.11.1985, p. 170),

   – **386 R 3811**: Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 3811/86 tal-11 ta' Diċembru 1986 (ĠU L 355, tas-16.12.1986, p. 5),

   – **389 R 1305**: Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1305/89 tal-11 ta' Mejju 1989 (ĠU L 131, tat-13.5.1989, p. 1),

   – **389 R 2332**: Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2332/89 tat-18 ta' Lulju 1989 (ĠU L 224, tat-2.8.1989, p. 1),

– **389 R 3427**: Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 3427/89 tat-30 ta' Ottubru 1989 (ĠU L 331, tas-16.11.1989, p. 1),

– **391 R 2195**: Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2195/91 tal-25 Ġunju 1991 (ĠU L 206, tad-29.7.1991, p. 2),

– **392 R 1247**: Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1247/92 tat-30 ta' April 1992 (ĠU L 136, tad-19.5.1992, p. 1),

– **392 R 1248**: Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1248/92 tat-30 ta' April 1992 (ĠU L 136, tad-19.5.1992, p. 7),

– **392 R 1249**: Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1249/92 tat-30 ta' April 1992 (ĠU L 136, tad-19.5.1992, p. 28),

– **393 R 1945**: Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1945/93 tat-30 ta' Ġunju 1993 (ĠU L 181, tat-23.7.1993, p. 1),

– **1 94 N**: Att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja u l-aġġustamenti tat-Trattati li fuqhom hi stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU C 241, tad-29.8.1994, p. 21 kif aġġustati bil-ĠU L 1, ta' l-1.1.1995, p. 1),

– **395 R 3095**: Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 3095/95 tat-22 ta' Diċembru 1995 (ĠU L 335, tat-30.12.1995, p. 1),

– **395 R 3096**: Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 3096/95 tat-22 ta' Diċembru 1995 (ĠU L 335, tat-30.12.1995, p. 10).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolmanet għandhom, għall-għanijiet tal-Ftehim preżenti, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) It-tieled subinċiż ta' l-Artikolu 1(j) m'għandux japplika;

(b) Fir-Rigward ta' benefiċċji għall-persuni ta' età avvanzata u tal-benefiċċji għas-superstiti, l-Artikolu 49 għandu jgħodd b'effett mill-1 ta' Jannar 1994;

(ċ) Fl-Artikolu 88, il-kliem "L-Artikolu 106 tal-Ftehim taż-ŻEE" għandhom jiġu mibdula bil-kliem "L-Artikolu 41 tal-Ftehim taż-ŻEE";

(d) L-Artikolu 94(9) m'għandux japplika;

(e) L-Artikolu 95b m'għandux japplika;

(f) L-Artikolu 96 m'għandux japplika;

(g) L-Artikolu 100 m'għandux japplika;

(h) Dan li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Anness I(I):

"P. ISLANDA

Kwalunkwe presuna impjegata jew li taħdem għal rasha fl-ambitu tad-dispożizzjonijiet dwar l-assigurazzjoni dwar korrimenti fl-att dwar is-sigurtà soċjali għandhom ikunu kkonsidrati rispettivament bħala impjegat jew li jaħdem għal rasu fl-ambitu ta' l-Artikolu 1(a)(ii) tar-Regolament.

Q. LIECHTENSTEIN

Ma japplikax.

R. IN-NORVEĠJA

Kwalunkwe persuna li hi impjegata jew li taħdem għal rasha fl-ambitu ta' l-Att Nazzjonali dwar l-Assigurazzjoni għandhom ikunu kkonsidrati rispettivament bħala impjegat jew li jaħdem għal rasu fl-ambitu ta' l-Artikolu 1(a)(ii) tar-Regolament.";

(i) Dan li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Anness I(II):

"P. ISLANDA

Sabiex tkun ddeterminata l-eliġibilità tal-benefiċji *in natura* skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 1 tat-Titolu III tar-Regolament, 'membru tal-Familja' tfisser il-parti mill-miżżewġin jew tfal miż-żwieġ taħt il-25 sena.

Q. LIECHTENSTEIN

Sabiex tkun ddeterminata l-eliġibilità tal-benefiċji *in natura* skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 1 tat-Titolu III tar-Regolament, 'membru tal-Familja' tfisser il-parti mill-miżżewġin jew tifel dipendenti taħt il-25 sena.

R. NORVEĠJA

Sabiex tkun ddeterminata l-eliġibilità tal-benefiċji *in natura* skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 1 tat-Titolu III tar-Regolament, 'membru tal-Familja' tfisser il-parti mill-miżżewġin jew tfal miż-żwieġ taħt il-25 sena.";

(j) Dan li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Anness I(II):

"P. ISLANDA

Ma japplikax.

Q. LIECHTENSTEIN

Ma japplikax.

R. NORVEĠJA

Ma japplikax.";

(k) Dan li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Anness II(II):

"P. ISLANDA

Xejn.

Q. LIECHTENSTEIN

Xejn.

R. NORVEĠJA

(a) Għotjiet ta' somma totali mogħtija fit-twelid tat-tarbija skond l-Att Nazzjonali dwar l-Assigurazzjoni;

(b) Għotjiet ta' somma totali mogħtija fl-adozzjoni ta' persuna skond l-Att Nazzjonali dwar l-Assigurazzjoni.";

(l) Dan li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Anness II(III):

"P. ISLANDA

Xejn.

Q. LIECHTENSTEIN

Xejn.

R. NORVEĠJA

Xejn.";

(m) Dan li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Anness IIa:

"P. ISLANDA

Xejn.

Q. LIECHTENSTEIN

(a) *Allowances* għar-romol (Liġi dwar l-ogħtja ta' *allowances* għar-romol tal-25 ta' Novembru 1981).

(b) *Allowances* għal persuni neqsin mid-dawl (Liġi dwar l-ogħtja ta' *allowances* għal persuni neqsin mid-dawl tas-17 ta' Novembru 1970).

(ċ) *Allowances* tal-maternità (Liġi dwar l-ogħtja ta' allowances tal-maternità tal-25 ta' Novembru 1981).

(d) Benefiċċji Supplimentari għal persuni ta' età avvanzata, liġi dwar l-assigurazzjoni għas-superstiti u għall-invaliditá u dwar benefiċċji supplimentari għal persuni ta' età avvanzata, u assigurazzjoni tas-superstiti u ta' l-invaliditá ta' l-10 ta' Diċembru 1965 kif riveduta fit-12 ta' Novembru 1992).

(e) *Allowance* għal min ma jistax jgħin lilu nnifsu (Liġi dwar il-benefiċċji supplimentari għal min għandu età avvanzata u assigurazzjoni għas-superstiti u għall-invaliditá ta' l-10 ta' Diċembru 1965 kif riveduta fit-12 ta' Novembru 1992).

R. NORVEĠJA

(a) Benefiċċju bażiku u benefiċċju ta' l-attendenza skond l-Artikoli 8-12 ta' l-Att Nazzjonali dwar l-Assigurazzjoni tas-17 ta' Ġunju 1966 Nru. 12 sabiex ikopri spejjeż żejda jew il-bżonn ta' attenzjoni speċjali, *nursing* jew għajnuna domestika meħtieġa minħabba d-diżabiltà, ħlief għas-sitwazzjonijiet fejn il-benefiċjarju qiegħed jieħu penzjoni għall-età avvanzata, minħabba diżabilità jew penzjoni tas-superstiti mill-Iskema ta' Assigurazzjoni Nazzjonali.

(b) Penzjoni minima supplimentari garantita għal persuni li jitwieldu b'diżabilità jew li jkollom diżabilità f'età żgħira skond l-Artikoli 7-3 u 8-4 ta' l-Att Nazzjonali ta' l-Assigurazzjoni tas-17 ta' Ġunju 1996 Nru. 12.

(ċ) Benefiċċju għall-min jieħu ħsieb it-tfal u benefiċċju għall-edukazzjoni għas-superstiti skond l-Artikoli 10-2 u 10-3 ta' l-Att Nazzjonali dwar l-Assigurazzjoni tas-17 ta' Ġunju 1966 Nru. 2.";

(n) Dan li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Anness III(A):

"106. ISLANDA – BELĠJU

L-ebda Konvenzjoni.

107. ISLANDA – DANIMARKA

L-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Nordika dwar is-sigurtà Soċjali tal-15 ta' Ġunju 1992.

108. ISLANDA – ĠERMANJA

L-ebda Konvenzjoni.

109. ISLANDA – SPANJA

L-ebda Konvenzjoni.

110. ISLANDA – FRANZA

L-ebda Konvenzjoni.

111. ISLANDA – GREĊJA

L-ebda Konvenzjoni.

112. ISLANDA – IRLANDA

L-ebda Konvenzjoni.

113. ISLANDA – ITALJA

L-ebda Konvenzjoni.

114. ISLANDA – LUSSEMBURGU

L-ebda Konvenzjoni.

115. ISLANDA – OLANDA

L-ebda Konvenzjoni.

116. ISLANDA – AWSTRIJA

L-ebda Konvenzjoni.

117. ISLANDA – PORTUGAL

L-ebda Konvenzjoni.

118. ISLANDA – FINLANDJA

L-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Nordika dwar is-Sigurtà Soċjali tal-15 ta' Ġunju 1992.

119. ISLANDA – ISVEZJA

L-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Nordika dwar is-Sigurtà Soċjali tal-15 ta' Ġunju 1992.

120. ISLANDA – RENJU UNIT

Xejn

121. Islanda – LIECHTENSTEIN

L-ebda Konvenzjoni.

122. ISLANDA – NORVEĠJA

L-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Nordika dwar is-Sigurtà Soċjali tal-15 ta' Ġunju 1992.

123. LIECHTENSTEIN – BELĠJU

L-ebda Konvenzjoni.

124. LIECHTENSTEIN – DANIMARKA

L-ebda Konvenzjoni.

125. LIECHTENSTEIN – ĠERMANJA

L-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tas-7 ta' April 1977 kif emendata bil-Konvenzjoni Komplimentarja Nru. 1 tal-11 ta' Awwissu 1989 dwar il-ħlas ta' benefiċji fi flus lill-persuni li jgħixu f'pajjiż terz.

126. LIECHTENSTEIN – SPANJA

L-ebda Konvenzjoni.

127. LIECHTENSTEIN – FRANZA

L-ebda Konvenzjoni.

128. LIECHTENSTEIN – GREĊJA

L-ebda Konvenzjoni.

129. LIECHTENSTEIN – IRLANDA

L-ebda Konvenzjoni.

130. LIECHTENSTEIN – ITALJA

L-Artikolu 5, it-tieni sentenza, tal-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tal-11 ta' Novembru 1976 dwar il-ħlas ta' benefiċċji fi flus lill-persuni li jgħixu f'pajjiż terż.

131. LIECHTENSTEIN – LUSSEMBURGU

L-ebda Konvenzjoni.

132. LIECHTENSTEIN – OLANDA

L-ebda Konvenzjoni.

133. LIECHTENSTEIN – AWSTRIJA

L-Artikolu 4, tal-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tas-26 ta' Settembru 1968 kif emendata mill-Konvenzjonijiet Komplimentari Nru. 1 tas-16 ta' Mejju 1977 u Nru. 2 tat-22 ta' Ottubru 1987 dwar il-ħlas ta' benefiċċji fi flus lill-persuni li jgħixu f'pajjiż terż.

134. LIECHTENSTEIN – PORTUGAL

L-ebda Konvenzjoni.

135. LIECHTENSTEIN – FINLANDJA

L-ebda Konvenzjoni.

136. LIECHTENSTEIN – ISVEZJA

L-ebda Konvenzjoni.

137. LIECHTENSTEIN – RENJU UNIT

L-ebda Konvenzjoni.

138. LIECHTENSTEIN – NORVEĠJA

L-ebda Konvenzjoni.

139. NORVEĠJA – BELĠJU

L-ebda Konvenzjoni.

140. NORVEĠJA – DANIMARKA

L-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Nordika dwar is-Sigurtà Soċjali tal-15 ta' Ġunju 1992.

141. NORVEĠJA – ĠERMANJA

L-ebda Konvenzjoni.

142. NORVEĠJA – SPANJA

L-ebda Konvenzjoni.

143. NORVEĠJA – FRANZA

Xejn

144. NORVEĠJA – GREĊJA

L-Artikolu 16(5) tal-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tat-12 ta' Ġunju 1980.

145. NORVEĠJA – IRLANDA

L-ebda Konvenzjoni.

146. NORVEĠJA – ITALJA

Xejn

147. NORVEĠJA – LUSSEMBURGU

Xejn

148. NORVEĠJA – OLANDA

L-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali tat-13 ta'April 1989.

149. NORVEĠJA – AWSTRIJA

(a) L-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali tas-27 ta' Awissu 1985.

(b) L-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni msemmija dwar persuni li jgħixu f'pajjiż terz.

(ċ) Il-Punt Nru. II tal-Protokoll Finali tal-Konvenzjoni msemmija dwar persuni li jgħixu f'pajjiż terz.

150. NORVEĠJA – PORTUGAL

L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali tal-5 ta' Ġunju 1980.

151. NORVEĠJA – FINLANDJA

L-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Nordika dwar is-Sigurtà Soċjali tal-15 ta' Ġunju 1992.

152. NORVEĠJA – ISVEZJA

L-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Nordika dwar is-Sigurtà Soċjali tal-15 ta' Ġunju 1992.

153. NORVEĠJA – RENJU UNIT

Xejn.";

(o) Dan li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Anness III (B):

"106. ISLANDA – BELĠJU

L-ebda Konvenzjoni.

107. ISLANDA – DANIMARKA

Xejn

108. ISLANDA – ĠERMANJA

L-ebda Konvenzjoni.

109. ISLANDA – SPANJA

L-ebda Konvenzjoni.

110. ISLANDA – FRANZA

L-ebda Konvenzjoni.

111. ISLANDA – GREĊJA

L-ebda Konvenzjoni.

112. ISLANDA – IRLANDA

L-ebda Konvenzjoni.

113. ISLANDA – ITALJA

L-ebda Konvenzjoni.

114. ISLANDA – LUSSEMBURGU

L-ebda Konvenzjoni.

115. ISLANDA – OLANDA

L-ebda Konvenzjoni.

116. ISLANDA – AWSTRIJA

L-ebda Konvenzjoni.

117. ISLANDA – PORTUGAL

L-ebda Konvenzjoni.

118. ISLANDA – FINLANDJA

Xejn

119. ISLANDA – ISVEZJA

Xejn

120. ISLANDA – RENJU UNIT

Xejn

121. ISLANDA – LIECHTENSTEIN

L-ebda Konvenzjoni.

122. ISLANDA – NORVEĠJA

Xejn

123. LIECHTENSTEIN – BELĠJU

L-ebda Konvenzjoni.

124. LIECHTENSTEIN – DANIMARKA

L-ebda Konvenzjoni.

125. LIECHTENSTEIN – ĠERMANJA

l-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tas-7 ta' April 1977 kif emendat mill-Konvenzjoni Komplimentarja Nru. 1 tal-11 ta' Awissu 1989 dwar dwar il-ħlas ta' benefiċċji fi flus lill-persuni li jgħixu f'pajjiż terz.

126. LIECHTENSTEIN – SPANJA

L-ebda Konvenzjoni.

127. LIECHTENSTEIN – FRANZA

L-ebda Konvenzjoni.

128. LIECHTENSTEIN – GREĊJA

L-ebda Konvenzjoni.

129. LIECHTENSTEIN – IRLANDA

L-ebda Konvenzjoni.

130. LIECHTENSTEIN – Italja

L-Artikolu 5, it-tieni sentenza, tal-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tal-11 ta' Novembru 1976 dwar il-ħlas ta' benefiċċji fi flus lill-persuni li jgħixu f'pajjiż terz.

131. LIECHTENSTEIN – LUSSEMBURGU

L-ebda Konvenzjoni.

132. LIECHTENSTEIN – OLANDA

L-ebda Konvenzjoni.

133. LIECHTENSTEIN – AWSTRIJA

L-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali tas-26 ta' Settembru 1968 kif emendata mill-Konvenzjonijiet Komplimentarji Nru. 1 tal-16 ta' Mejju 1977 u Nru. 2 tat-22 ta' Ottubru 1987 dwar il-ħlas ta' benefiċji fi flus lill-persuni li jgħixu f'pajjiż terz.

134. LIECHTENSTEIN – PORTUGAL

L-ebda Konvenzjoni.

135. LIECHTENSTEIN – FINLANDJA

L-ebda Konvenzjoni.

136. LIECHTENSTEIN – ISVEZJA

L-ebda Konvenzjoni.

137. LIECHTENSTEIN – RENJU UNIT

L-ebda Konvenzjoni.

138. LIECHTENSTEIN – NORVEĠJA

L-ebda Konvenzjoni.

139. NORVEĠJA – BELĠJU

L-ebda Konvenzjoni.

140. NORVEĠJA – DANIMARKA

Xejn

141. NORVEĠJA – ĠERMANJA

L-ebda Konvenzjoni.

142. NORVEĠJA – SPANJA

L-ebda Konvenzjoni.

143. NORVEĠJA – FRANZA

Xejn

144. NORVEĠJA – GREĊJA

Xejn

145. NORVEĠJA – IRLANDA

L-ebda Konvenzjoni.

146. NORVEĠJA – ITALJA

Xejn

147. NORVEĠJA – LUSSEMBURGU

Xejn

148. NORVEĠJA – OLANDA

L-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali tat-13 ta' April 1989.

149. NORVEĠJA – AWSTRIJA

(a) L-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali tat-13 ta' April 1989.

(b) L-Artikolu 4, tal-Konvenzjoni msemmija dwar persuni li jgħixu f'pajjiż terz.

(ċ) Punt nru. II tal-Protokoll Finali tal-Konvenzjoni msemmija dwar persuni li jgħixu f'pajjiż terz.

150. NORVEĠJA – PORTUGAL

Xejn

151. NORVEĠJA – FINLANDJA

Xejn

152. NORVEĠJA – ISVEZJA

Xejn

153. NORVEĠJA – RENJU UNIT

Xejn.";

(p) Dan li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Anness IV Intestatura A:

"P. ISLANDA

Xejn

Q. LIECHTENSTEIN

Xejn

R. NORVEĠJA

Xejn.";

(q) Dan li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Anness IV Intestatura B:

"P. ISLANDA

Xejn

Q. LIECHTENSTEIN

Xejn

R. NORVEĠJA

Xejn.";

(r) Dan li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Anness IV Intestatura C:

"P. ISLANDA

L-applikazzjonijiet għall-penzjoni bażika ta' l-età avvanzata u supplimentari.

Q. LIECHTENSTEIN

L-applikazzjonijiet għall-penzjonijiet ordinarji ta' l-età avvanzata, għas-superstiti u assigurazzjoni ta' l-invalidità kif ukoll għall-età avvanzata, supserstiti u penzjonijiet ta' l-invalidità ta' l-iskema ta' fuq ix-xogħol sakemm ir-regolamenti tal-fond tal-penzjoni rispettiv ma jkollux dispożizzjonijiet dwar it-tnaqqis.

R. NORVEĠJA

L-applikazzjonijiet kollha għall-penzjoni ta' l-età avvanzata, b'eċċezzjoni għall-penzjonjiet msemmija fl-Anness IV D.';";

(s) Dan li ġej għandhu jkun miżjud ma' l-Anness IV Intestatura D 2:

"(g) Il-penzjoni Norveġiża għad-diżabilità, anke meta din tkun mibdula f'penzjoni għall-età avvanzata hekk kif tintlaħaq l-età tal-penzjoni, u l-penzjonijiet kollha (penzjonijiet tas-superstiti u ta' l-età avvanzata) bbażata fuq il-qliegħ mill-penzjoni ta' persuna mejta.";

(t) Dan li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Anness VI:

"P. ISLANDA

Meta l-impjieg jew persuna li taħdem għal rasha ikun itterminala l-impjieg tagħha u l-kontinġenza sseħħ waqt impjieg ieħor, jew meta persuna tkun taħdem għal rasha fi Stat ieħor fejn dan ir-Regolament japplika u fejn il-penzjoni tad-diżabilità kemm tas-sigurtà soċjali u ta' skemi supplimentari tal-penzjonijiet (fondi tal-penzjoni) fl-Islanda ma tkunx tinkludi iżjed il-perjodu bejn il-kontinġenza u l-età tal-penzjoni (perjodi futuri). Perjodi ta' assigurazzjoni taħt il-leġislazzjoni ta' Stat ieħor li għalihom japplika dan ir-Regolament għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni għar-rekwiżit tal-perjodi futuri bħallikieku dawn kienu perjodi ta' assiguazzjoni fl-Islanda.

Q. LIECHTENSTEIN

1. Kwalunkwe persuna impjegata jew li taħdem għal rasha li m'għadiex taqa' taħt il-leġislazzjoni ta' Liechtenstein dwar l-assigurazzjoni għall-invalidità għandha, għall-għanijiet tal-Kapitolu 3 tat-Titolu III tar-Regolament, tiġi kkonsidrata bħala assigurata taħt din l-assigurazzjoni għall-għotja ta' penzjoni ta' l-invalidità jekk:

(a) jekk fid-data li fiha r-riskju ta' l-assigurazzjoni jimmaterjalizza ruħu skond id-dispożizzjonijiet ta' l-leġislazzjoni ta' Liechtenstein dwar l-assigurazzjoni ta' l-invalidità:

(i) jkun qed jibbenefika minn miżuri ta' riabilitazzjoni skond l-assigurazzjoni għall-invalidità ta' Liechtenstein; jew

(ii) jkun assigurat taħt il-leġislazzjoni dwar l-età avvanzata, supserstiti u assigurazzjoni għall-invalidità ta' Stat ieħor li għaliħ jappllika dan ir-Regolament; jew

(iii) jista' jistabbilixxi talba għal penzjonijiet taħt l-assigurazzjoni għall-invalidità jew għall-età avvanzata ta' Stat ieħor li għaliħ japplika dan ir-Regolament jew jekk dan jirċievi din il-penzjoni; jew

(iv) ma jistax jaħdem taħt il-leġislazzjoni ta' Stati ieħor li għalih japplika dan ir-Regolament u li jista jistabbilixxi talba għall-benefiċji mill-assigurazzjoni tal-mard jew ta' l-inċidenti ta' dak l-Istat jew jekk dan jirċievi dawn il-benefiċju; jew

(v) jista jistabbilixxi talba, minħabba n-nuqqas ta' l-impjiegi, għal benefiċji fi flus mil-assigurazzjoni għal-qagħad ta' Stat ieħor li għalih japlika dan ir-Regolament jew jekk dan jirċievi dan il-benefiċju;

(b) jew jekk dan ħadem fl-Liechtenstein fil-fruntiera, fit-tlett snin immedjatament qabel ma mmaterjalizza ruħu r-riskju skond il-leġislazzjoni ta' Liechtenstein, huwa ħallas il-kontribuzzjonijiet taħt din il-leġislazzjoni għal ta' l-anqas tnax-il xagħar; jew

(ċ) jew jekk ħa jkollu jittermina l-impjieg tiegħu, jew ix-xogħol li jagħmel għal rasu fil-Liechtenstein wara xi inċident jew marda, għal kemm dan idum fil-Liechtenstein; dan ħa jkun mitlub sabiex jikkontribwixxi fuq l-istess bħal persuna mingħajr attività li trendi.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 10(2) tar-Regolament, il-benefiċju awtorizzat ('Freizügigkeitsleistung') skond il-liġi dwar benefiċji fuq il-post tax-xogħol ta' l-20 ta' Ottubru 1987 għandu jkun imħallas fi flus fuq talba ta' impjegat jew persuna li taħdem għal rasha, waqt li ma tibqax tiġi sottomessa għal-leġislazzjoni ta' Liechtenstein skond id-dispożizzjonijiet tat-Titolu II tar-Regolament, jekk din il-persuna tħalli ż-żona ekonomika ta' Liechtenstein u ta' l-Isvizzera definittivament qabel l-1 ta' Jannar 1998 u jitlob għal pagament qabel l-1 ta' Jannar 1998.

R. NORVEĠJA

1. Id-dispożizzjonijiet transitorji tal-leġislazzjoni Norveġiża dwar tnaqqis tal-perjodu ta' l-assigurazzjoni meħtieġa għall-penzjoni sħiħa supplimentarja għal-persuni li twieldu qabel l-1937 għandhom ikunu applikabbli għal persuni li huma koperti bir-Regolament sakemm dawn kienu residenti fin-Norveġja, jew involuti f'attività li trendi bħala impjegati jew li jaħdmu għal rashom fin-Norveġja, għal dak l-ammont ta' snin kif meħtieġ wara li jkun għalqu s-sittax-il sena u qabel l-1 ta' Jannar 1967. Dan ir-rekwizit huwa ta' sena għal kull sena li persuna tkun twiledet qabel l-1937.

2. Persuna assigurata taħt l-Att Nazzjonali dwar l-Assigurazzjoni li tippermetti għajnuna għal min hu avvanzat fl-età u għandu bżonn l-għajnuna u hu assigurat, għal min għandu xi diżabilità jew persuni li huma morda għandhom, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti, jingħatawlhom punti għall-penzjoni għal dawn il-perjodi. Similarment, persuna li tieħu ħsieb ta' tfal żgħar għandhu jingħatalha punti għall-penzjoni meta toqgħod fi Stat ieħor li japplika għalih dan ir-Regolament u mhux in-Norveġja sakemm il-persuna kkonċernata qiegħedha fuq il-*leave* ta' ġenitur taħt il-liġi tax-xogħol Norveġiża.

3. Sa kemm il-penzjoni Norveġiża għas-superstiti jew għad-diżabilità titħallas fl-ambitu tar-Regolament, kkalkolata skond l-Artikolu 46(2) u billi jiġi applikat l-Artikolu 45, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 8-1 taqsima 3, 10-1 taqsima 3 u 10-11 taqsima 3 ta' l-Att Nazzjonali dwar l-Assigurazzjoni li minnu penzjoni tista' tingħata billi ssir eċċezjoni mir-rekwiżit ġenerali li trid tkun assigurat taħt l-Att Nazzjoanli dwar l-Assigurazzjoni waqt l-aħħar 12-il xagħar qabel l-eventwalità, m'għandhomx japplikaw.";

(u) Dan li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Anness VII:

"13. Meta persuna residenti fl-Islanda tkun taħdem għal rasha fl-Islanda u impjegata bi qliegħ fi kwalunkwe Stat li għalih japplika dan ir-Regolament.

14. Meta persuna tkun taħdem għal rasha fil-Liechtenstein u impjegata bi qliegħ fi kwalunkwe Stat li għalih japplika dan ir-Regolament.

15. Meta persuna residenti fin-Norveġja tkun taħdem għal rasha fin-Norveġja u impjegata bi qliegħ fi kwalunkwe Stat li għalih japplika dan ir-Regolament."

2. **372 R 0574**: Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 574/72 tal-21 ta' Marzu 1972 li tistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru. 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta' skemi dwar is-sigurtà soċjali għal persuni impjegati, persuni li jaħdmu għal rashom u l-familji tagħhom li jispustaw ruħhom fil-Komunità,

kif aġġornata permezz ta':

– **383 R 2001**: Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2001/83 tat-2 ta' Ġunju 1983 (ĠU L 230, tat-22.8.1983, p. 6),

u sussegwentement emendata permezz ta':

– **385 R 1660**: Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1660/85 tat-13 ta' Ġunju 1985 (ĠU L 160, ta' l-20.6.1985, p. 1),

– **385 R 1661**: Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1661/85 tat-13 ta' Ġunju 1985 (ĠU L 160, ta' l-20.6.1985, p. 7),

– **1 85 I**: Att dwar il-Kondizzjonijiet ta' l-Adeżjoni u l-Aġġustamenti tat-Trattati – Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża fil-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 302, 15.11 1985, p. 188),

– **386 R 513**: Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru. 513/86 tas-26 ta' Frar 1986 (ĠU L 51, tat-28.2.1986, p. 44)

– **386 R 3811**: Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 3811/86 tal-11 ta' Diċembru 1986 (ĠU L 355, tas-16.12.1986, p. 5),

– **389 R 1305**: Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1305/89 tal-11 ta' Mejju 1989 (ĠU L 131, tat-13.5.1989, p. 1),

– **389 R 2332**: Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2332/89 tat-18 ta' Lulju 1989 (ĠU L 224, tat-2.8.1989, p. 1),

– **389 R 3427**: Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 3427/89 tat-30 ta' Ottubru 1989 (ĠU L 331, tas-16.11.1989, p. 1),

– **391 R 2195**: Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2195/91 tal-25 ta' Ġunju 1991 (ĠU L 206. tad-29.7.1991, p. 2).

– **392 R 1248**: Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1248/92 tat-30 ta' April 1992 (ĠU L 136, tad-19.5.1992, p. 7).

– **392 R 1249**: Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1249/92 tat-30 ta' April 1992 (ĠU L 136, tad-19.5.1992, p. 28).

– **393 R 1945**: Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1945/93 tat-30 ta' Ġunju 1993 (ĠU L 181, tat-23.7.1993, p. 1),

– **1 94 N**: Att dwar il-Kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, r-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja u l-Aġġustamenti tat-Trattati li fuqhom hi stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU C 241, tad-29.8.1994, p. 21 kif aġġustata b' ĠU L 1, ta' l-1.1.1995, p. 1).

– **395 R 3095**: Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 3095/95 tat-22 ta' Diċembru 1995 (ĠU L 335, tat-30.12.1995, p. 1).

– **395 R 3096**: Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 3096/95 tat-22 ta' Diċembru 1995 (ĠU L 335, tat-30.12.1995, p. 10).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għal fini tal-Ftehim preżenti, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Dan li ġej għandu jiżi miżjud ma' l-Anness 1:

"P. ISLANDA

1. Heilbrigðis-og tryggingamálaráðherra (Ministru tas-Saħħa u s-Sigurtà Soċjali), Reykjavík

2. Félagsmálaráðherra (Ministru ta' l-Affarijiet Soċjali), Reykjavík

3. Fjármálaráðherra (Ministru tal-Finanzi), Reykjavík

Q. LIECHTENSTEIN

Die Regierung des Fürstentums Liechtenstein (il-Gvern tal-Prinċipalità tal-Liechtenstein), Vaduz

R. NORVEĠJA

1. Sosial-og helsedepartementet (Il-Ministeru tas-Saħħa u l-Affarijiet Soċjali), Oslo

2. Kommunal-og arbeidsdepartementet (il-Ministeru tal-Gvern Lokali u x-Xogħol), Oslo

3. Barne- og familiedepartementet (il-Ministeru ta' L-Affarijiet tat-Tfal u tal-Familja), Oslo

4. Justisdepartementet (il-Ministeru tal-Ġustizzja), Oslo

5. Utenriksdepartementet (il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin), Oslo.";

(b) Dan li ġej għandu jiżi miżjud ma' l-Anness 2:

"P. ISLANDA

1. Għall-kontinġenzi kollha b'eċċezzjoni ta' benefiċji tal-qagħad u benefiċji tal-familja:

Tryggingastofnun ríkisins (L-Istitut tas-Sigurtà Soċjali ta' l-Istat), Reykjavík

2. Għall-benefiċji tal-qagħad:

Atvinnuleysistryggingasjóður, Vinnumálaskrifstofan (il-Fond ta' l-Assigurazzjoni tal-qagħad), Reykjavík

3. Għall-benfiċji tal-familja

(a) Benefiċji tal-Familja bl-eċċezzjoni tal-benefiċċji tat-tfal u l-benefiċċji supplimentari tat-tfal:

Tryggingastofnun ríkisins (l-Istituzzjoni tas-Sigurtà Soċjali ta' l-Istat), Reykjavík

(b) Benefiċji għat-tfal u benefiċji supplimentari tat-tfal:

Ríkisskattstjóri (id-Direttur tat-Taxxi Interni), Reykjavík

Q. LIECHTENSTEIN

1. Mard u Maternità:

   – il-Fond ta' l-Assigurazzjoni għall-Mard rikonoxxut li miegħu l-persuna kkonċernata hija assigurata; jew

   – l-Amt für Volkswirtschaft (Uffiċċju ta' l-Ekonomija Nazzjonali)

2. Invalidità:

   (a) Assigurazzjoni għall-Invalidità:

   Liechtensteinische Invalidenversicherung (Assigurazzjoni għall-Invalidità tal-Liechtenstein)

   (b) Skema għax-xogħol:

   il-fondi tal-penzjoni ma' liema kien affiljat l-aħħar persuna li timpjega

3. (Pensjoni) dwar l-età avvanzata u l-mewt

   (a) Assigurazzjoni għal-età avvanzata u s-superstiti:

   Liechtensteinische Alters-und Hinterlassenenversicherung (Assigurazzjoni għal-età avvanzata u s-superstiti ta' Liechtenstein)

   (b) Skema għax-xogħol:

   il-fondi tal-penzjoni li miegħu kien affiljat l-aħħar persuna li timpjega

4. Inċidenti fuq il-post tax-xogħol u mard marbut max-xogħol:

   – il-fond ta' l-assigurazzjoni għall-inċidenti li miegħu l-persuna kkonċernata hi assigurata; jew

   – the Amt für Volkswirtschaft (Uffiċċju ta' l-Ekonomija Nazzjonali)

5. Qagħad:

   Amt für Volkswirtschaft (Uffiċċju ta' l-Ekonomija Nazzjonali)

6. Benefiċji tal-familja:

   Liechtensteinische Familienausgleichskasse (Fond ta' Kumpens għall-familji ta' Liechtenstein)

R. NORVEĠJA

1. Benefiċji tal-qagħad

   Arbeidsdirektoratet, Oslo, fylkesarbeidskontorene og de lokale arbeids-kontorer på bostedet eller oppholdsstedet (id-Direttorat tax-xogħol, Oslo, l-uffiċiji reġjonali għax-xogħol u l-uffiċji tax-xogħol lokali fil-post tar-residenza jew fil-post fejn ikun qiegħed)

2. Il-benefiċji l-oħrajn kollha taħt l-assigurazzjoni Nazzjonali Norveġiża:

   Folketrygdkontoret for utenlandssaker (l-Uffiċju ta' l-Assigurazzjoni Nazzjonali for Assigurazzjoni Soċ-jali fil-pajjiżi barranin), Oslo

3. *Allowances* għall-familja:

   Rikstrygdeverket (l-Amministrazzjoni ta' l-Assigurazzjoni Nazzjonali), Oslo u Folketrygdkontoret for utenlandssaker (l-Uffiċju ta' l-Assigurazzjoni Nazzjonali għall-Assigurazzjoni Soċjali fil-pajjiżi barranin), Oslo

4. Skemi ta' assigurazzjoni tal-penzjoni għal-baħħara:

   – Pensjonstrygden for sjømenn (Assigurazzjoni tal-Penzjoni għal-baħħara), Oslo

5. Att tas-16 ta' Ġunju 1989 dwar l-Assigurazzjoni għall-korrimenti fl-industrija (lov av 16. juni 1989 om yrkesskadeforsikring)

   L-istituzzjoni assigurattriċi li magħha huwa assigurat minn min jimpjega. Jekk mhux assigurat; Yrkess-kadeforsikringsforeningen (l-Assoċċjazzjoni ta' l-assigruazzjoni għall-korrimenti fuq il-post tax-xogħol), Oslo

6. Skema ta' garanzija għall-intitolamenti għas-sigurtà soċjali skond l-Artikolu 32 ta' l-Att dwar il-Baħħara tat-30 ta' Mejju 1975 (sjømannsloven av 30. mai 1975)

   L-istituzzjoni assigurattriċi li magħha huwa assigurat minn min jimpjega.";

(ċ) Dan li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Anness 3:

"P. ISLANDA

1. Mard, maternità, invalidità, età avvanzata, mewt, inċidenti fuq il-post tax-xogħol, u mard marbut max-xogħol:

   Tryggingastofnun ríkisins (l-Istitut tas-Sigurtà Soċjali ta' l-Istat), Reykjavík

2. Benefiċji tal-qagħad:

   Atvinnuleysistryggingasjóður, Vinnumálaskrifstofan (il-Fond ta' l-Assigurazzjoni tal-qagħad), Reykjavík

3. Benefiċji għall-familja

(a) Benefiċji għall-familja bl-eċċezzjoni ta' benefiċji għat-tfal u benefiċji għat-tfal supplimentari:

Tryggingastofnun ríkisins (l-Istitut tas-Sigurtà Soċjali ta' l-Istat), Reykjavík

(b) Benefiċji għat-tfal u benefiċji supplimentari għat-tfal:

Ríkisskattstjóri (Direttur tat-Taxxi Interni), Reykjavík

Q. LIECHTENSTEIN

1. Mard, maternità, inċidenti fuq il-post tax-xogħol, u mard marbut max-xogħol, qagħad

Amt für Volkswirtschaft (Uffiċċju ta' l-Ekonomija Nazzjonali)

2. Età avvanzata u mewt

(a) Assigurazzjoni għal-età avvanzata u għas-superstiti:

Liechtensteinische Alters-und Hinterlassenenversicherung (Assigurazzjoni għal-Età Avvanzata u għas-Superstiti ta' Liechtenstein)

(b) Skema għax-xogħol:

Amt für Volkswirtschaft (Uffiċċju ta' l-Ekonomija Nazzjonali)

3. Invaliditá

(a) Assigurazzjoni għall-invaliditá:

Liechtensteinische Invalidenversicherung (Assigurazzjoni għall-Invaliditá ta' Liechtenstein)

(b) Skema għax-xogħol:

Amt für Volkswirtschaft (Uffiċċju ta' l-Ekonomija Nazzjonali)

4. Benefiċji għal-familja:

Liechtensteinische Familienausgleichskasse (Fond ta' Kumpens għall-familja ta' Liechtenstein)

R. NORVEĠJA

1. De lokale arbeidskontor og trygdekontor på bostedet eller oppholdsstedet (l-uffiċji lokali tax-xogħol u ta' l-assigurazzjoni tal-post ta' residenza jew tal-post ta' fejn ikun qiegħed)

2. Att tas-16 ta' Ġunju 1989 dwar l-Assigurazzjoni ta' korrimenti fl-industrija (lov av 16 juni 1989 om yrkesskadeforsikring):

Il-persuna assigurattriċi li magħha huwa assigurat minn min jimpjega. Jekk mhux assigurat: Yrkesskadeforsikringsforeningen (l-Assoċċjazzjoni ta' l-assigurazzjoni għal korrimenti fuq il-post tax-xogħol), Oslo

3. Skema ta' garanzija għall-intitolamenti għas-sigurtà soċjali skond l-Artikolu 32 ta' l-Att dwar il-Baħħara tat-30 ta' Mejju 1975 (sjømannsloven av 30. mai 1975):

L-impjegati jistgħu jagħmlu kuntatt ma min jimpjegħom fil-post fejn dawn jagħtu s-servizz tagħhom, i.e. fuq il-vapur. Mill-post ta' residenza jew fejn ikun qiegħed, l-impjegat għandu jkun jista' jagħmel kuntatt mal-istituzzjoni asigurattrici li magħha jkun assigurat min qed iħaddem.";

(d) Dan li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Anness 4 taħt "K. AWSTRIJA" fit-tmiem tal-paragrafu 2:

"(ċ) Fir-rigward ta' Liechtenstein:

Landesgeschäftsstelle Vorarlberg des Arbeitsmarktservice (Uffiċċju Reġjonali Vorarlberg tas-Servizz tas-Suq tax-Xogħol), Bregenz";

(e) Dan li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Anness 4 taħt "K. AWSTRIJA" fit-tmiem tal-paragrafu 3(b):

"(iii) relazzjonijiet ma' Liechtenstein:

Landesgeschäftsstelle Vorarlberg des Arbeitsmarktservice (Uffiċċju Reġjonali Vorarlberg tas-Servizz tas-Suq tax-Xogħol), Bregenz";

(f) Dan li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Anness 4:

"P. ISLANDA

1. Mard, maternità, invaliditá, età avvanzata, mewt, inċidenti fuq il-post tax-xogħol, u mard marbut max-xogħol:

Tryggingastofnun ríkisins (l-Istitut tas-Sigurtà Soċjali ta' l-Istat), Reykjavík

2. Benefiċji tal-qagħad:

Atvinnuleysistryggingasjóður, Vinnumálaskrifstofan (il-Fond ta' l-Assigurazzjoni tal-qagħad), Reykjavík

3. Benefiċji għall-familja

(a) Benefiċji għall-familja bl-eċċezzjoni ta' benefiċji għat-tfal u benefiċji għat-tfal supplimentari:

Tryggingastofnun ríkisins (l-Istitut tas-Sigurtà Soċjali ta' l-Istat), Reykjavík

(b) Benefiċji għat-tfal u benefiċji supplimentari għat-tfal:

Ríkisskattstjóri (Direttur tat-Taxxi Interni), Reykjavík

Q. LIECHTENSTEIN

1. Mard, maternità, inċidenti fuq il-post tax-xogħol, u mard marbut max-xogħol, qagħad:

   Amt für Volkswirtschaft (Uffiċċju ta' l-Ekonomija Nazzjonali)

2. Età avvanzata u mewt

   (a) Assigurazzjoni għal-età avvanzata u għas-superstiti:

   Liechtensteinische Alters- und Hinterlassenenversicherung (Assigurazzjoni għal-Età Avvanzata u għas-Superstiti ta'Liechtenstein)

   (b) Skema għax-xogħol:

   Amt für Volkswirtschaft (Uffiċċju ta' l-Ekonomija Nazzjonali)

3. Invalidità

   (a) Assigurazzjoni għall-invalidità:

   Liechtensteinische Invalidenversicherung (Assigurazzjoni għall-Invalidità ta' Liechtenstein)

   (b) Skema għax-xogħol:

   Amt für Volkswirtschaft (Uffiċċju ta' l-Ekonomija Nazzjonali)

4. Benefiċji għal-familja:

   Liechtensteinische Familienausgleichskasse (Fond ta' Kumpens għall-familja ta' Liechtenstein)

R. NORVEĠJA

1. Benefiċji tal-qagħad:

   Arbeidsdirektoratet (id-Direttorat tax-xogħol), Oslo

2. Fil-każijiet l-oħrajn kollha:

   Rikstrygdeverket (l-Amministrazzjoni ta' l-Assigurazzjoni Nazzjonali), Oslo.";

(g) Dan li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Anness 5:

"106. ISLANDA – BELĠJU

Ma japplikax.

107. ISLANDA-DANIMARKA

L-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni Nordika dwar is-Sigurtà Soċjali tal-15 ta' Ġunju 1992: Ftehim dwar ir-rinunzja reċiproka ta' rifużjonijiet skond l-Artikoli 36(3), 63(3) u 70(3) tar-Regolament (spiża ta' benefiċji *in natura* fir-rigward ta' mard u maternità, inċidenti fuq il-post tax-xogħol u mard marbut max-xogħol, u benefiċji tal-qagħad) u l-Artikolu 105(2) tar-Regolament ta' implimentazzjoni (spiża tal-kontrolli amministrattivi u eżamijiet mediċi).

108. ISLANDA – ĠERMANJA

Ma japplikax.

109. ISLANDA – SPANJA

Ma japplikax.

110. ISLANDA – FRANZA

Ma japplikax.

111. ISLANDA – GREĊJA

Ma japplikax.

112. ISLANDA – IRLANDA

Ma japplikax.

113. ISLANDA – ITALJA

Ma japplikax.

114. ISLANDA – LUSSEMBURGU

Xejn

115. ISLANDA – OLANDA

Skambju ta' ittri tal-25 ta' April u s-26 ta' Mejju 1995 dwar l-Artikolu 36(3) u l-Artikolu 63(3) tar-Regolament, dwar ir-rinunzja ta' rifużjoni ta' l-ispiża tal-benefiċji *in natura* fir-rigward ta' mard, maternità, inċidenti fuq il-post tax-xogħol u mard marbut max-xogħol, kif stabbilit fil-Kapitoli 1 u 4 tat-Titolu III tar-Regolament Nru. 1408/71 bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 22(1)(ċ) u l-Artikolu 55(1)(ċ).

116. ISLANDA – AWSTRIJA

Arranġament tal-21 ta' Ġunju 1995 dwar ir-rifużjoni ta' l-ispejjeż fis-settur tas-sigurtà soċjali.

117. ISLANDA – PORTUGAL

Ma japplikax.

118. ISLANDA – FINLANDJA

L-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni Nordika dwar is-Sigurtà Soċjali tal-15 ta' Ġunju 1992: Ftehim dwar ir-rinunzja reċiproka ta' rifużjonijiet skond l-Artikoli 36(3), 63(3) u 70(3) tar-Regolament (spiża ta' benefiċji *in natura* fir-rigward ta' mard u maternità, inċidenti fuq il-post tax-xogħol u mard marbut max-xogħol, u benefiċji tal-qagħad) u l-Artikolu 105(2) tar-Regolament ta' implimentazzjoni (spiża tal-kontrolli amministrattivi u eżamijiet mediċi).

119. ISLANDA – ISVEZJA

